Avviz Numru CCT 88/12/GZ

**Edward Galea**

**vs**

**Paul Fenech Woodworks – Paul Fenech**

Illum 12 ta' Novembru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-26 ta' Marzu, 2012 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' tliet mija u erbghin Ewro (€340.00), rapprezentanti l-ammont li huwa hallas lis-socjeta' ntimata ghal zewg (2) sodod, pero' liema sodod qatt ma gew ikkonsenjati lilu.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien ordna zewg (2) sodod minghand is-socjeta' ntimata. Is-socjeta' ntimata kienet informatu illi sa Settembru kienet ser tikkonsenjalu s-sodod, pero' dawn ma waslu qatt. Imbaghad, is-socjeta' ntimata kienet qalet lir-rikorrent illi li ma kenitx ser tahdem iktar u li kienet ser tibghat lura l-flus li kien hallasha permezz ta' cheque, pero' dan ic-cheque ma wasal qatt. Ir-rikorrent ippersista mas-socjeta' ntimata fejn ghamel diversi tentattivi sabiex jaghmel kuntatt maghha u jitlobha lura dak li kien tieghu.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja ta' l-ircevuta datata 31 ta' Awissu 2011, mahruga f'isem ir-rikorrent u ffirmata mis-socjeta' ntimata, ghall-ammont ta' tliet mija u erbghin Ewro (€340.00).

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrent, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset b'mod kbir fis-servizz taghha lejn ir- rikorrent konsumatur, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrent, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' tliet mija u erbghin Ewro (€340.00) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**